MALTA DI

TAJJEB LI TKUN TAF

Tagħrif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni

DIĊEMBRU, 1961. Nru. 23/61

# IL-PROFESSUR STEFANO ZERAFA, M.D.

IL-PROFESSUR Stefano Zerafa, twieled Ħal Għargħur fid-9 ta' Ottubru, 1791, iben Alessio Zerafa u Grazia Grima. Wara li mar l-iskola primarja, intbagħat il-Belt sabiex jibda skola aktar għolja, u kien joqgħod il-Belt fi Triq l-Isqof. B'hekk huwa kien jista' jistudja u jistrieħ ftit, u ma kienx ikollu bżonn jitla' r-raħal kuljum, peress li dak iż-żmien it-trasport kien rari. Wara li spiċċa l-kors liċeali daħal l-Università fejn wara kors li fih dejjem ġie minn ta' l-ewwel, laħaq tabib.

Huwa mill-ewwel wera li kellu tendenza kbira għall-Istorja Naturali u kien wieħed mill-aħjar studenti li kellu l-Professur Carlo Giacinto li kien Patri Tereżjan. Fl-1829 dan il-bravu tabib ġie mlaħħaq Professur flok Patri Giacinto u dam f'din il-kariga sa l-1859.

F'dan il-qasam, il-Professur Stefano Zerafa daħal b'ruħu u b'ġismu billi ried li l-Ġnien Botaniku jiffurmah b'sistema oħra; jew aħjar li jagħmlu veru "Botaniku". L-ewwel ħaġa li għamel kien li itrasferixxa l-ġnien fejn jinsab il-lum (barra mill-biċċa pubblika); ma riedx li l-ġnien ikun maqsum fi tnejn kif kien fi żmien Patri Giacinto, jiġifieri l-Mall u l-Ġnien ta' Sarria (il-lum Skola Primarja tal-Furjana) u beda sabiex jagħmel klassifikazzjoni Botanika tal-pjanti li kienu jeżistu u li magħhom żied bosta oħrajn minn pajjiżi oħra, fosthom kollezzjoni ta' pjanti mediċinali. B'mod speċjali ħaseb biex jiġbor il-pjanti ta' Malta u Għawdex u kien ifforma kollezzjoni sabieħa tal-pjanti indiġeni.

Kienet f'waħda mill-eskursjonijiet tiegħu ġo Wied Babu, iż-Żurrieq, fl-1827, meta ltaqa' għall-ewwel darba ma' pjanta li kienet għadha ma nstabet minn ħadd u wara li fittex u qalleb kotba jekk teżistix x'imkien ieħor, u ma sabha mkien, induna li din il-pjanta hi tagħna biss. Huwa studja bir-reqqa biex ikun jista' jagħtiha l-isem u titpoġġa fl-ordni tagħha. Fl-aħħar semmiha *Centaura Spathulata Zerapp* — bil-Malti jsejħula Widniet il-Baħar. Wara li ġiet determinata mill-Professur Zerafa, kien hemm ċertu Taljan Bertoloni li kien botaniku, u qal li l-isem Centaura Spathulata kien ġie mogħti lill-pjanta l-oħra mill-Botaniku Tenora. Iżda wara dak iż-żmien kollu, kien il-Professur John Borg, M.A., M.D., li skopra li ċ-*Centaura* li iddeskriva Zerafa kienet perfetta, filwaqt, dik ta' Bertolini kienet żbaljata, billi Tenora l-isem Spathulata tah lill-pjanta oħra li ma għandha x'taqsam xejn maċ-*Centaura Spathulata* ta' Zerafa. Għal din il-biċċa xogħol li għamel, il-Professur John Borg ħaqqu kull tifħir.



Din il-pjanta li hi perenni insibuha f'dawn il-postijiet, Wied Babu, Wied Żnuber, Wied Moqbel, Wied iż-Żurrieq, Fomm ir-Riħ, Għar Lapsi, Irdum Ħad Dingli, u Ta Ċenċ (Għawdex). Din il-pjanta tħaddar is-sena kollha u minn Mejju sa Awissu tagħmel fjuri vjola ċar, li huma sbieħ ferm. Din il-pjanta li kultivata bil-bosta fil-ġonna pubbliċi, u b'mod speċjali fil-Ġnien Botaniku. Din hi l-unika pjanta speċjali għal pajjiżna, u ta' min jagħti każ tagħha, billi tiġi mfakkra f'xi bolla, biex permezz tagħha tibqa' l-memorja tal-Professur Stefano Zerafa. Lil dan il-Patrijott Malti nistgħu mingħajr ma niżbaljaw insejħulu missier in-Naturalisti Maltin. Hu kien li ta spinta għall-istudju tal-pjanti indiġeni. Hu kien l-ewwel wieħed li kiteb l-ewwel lista ordinata tal-pjanti lokali. Dan il-ktieb semmiegħ *"Flora Melitensis Thesaurus"*. Dawk li ġew warajh sabu diġà t-triq miftuħa u mxew fuq il-passi tiegħu.

Il-Professur Zerafa, kellu konnessjoni kbira maż-Żurrieq billi hu u oħtu baqgħu joqogħdu hemm. Iżda wara li kien iżżewweġ lil Anna Mifsud, mar joqgħod il-Belt, fejn miet fil-25 ta' Marzu, 1871. Hu midfun fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq fil-qabar Nru. 57 u fuq il-lapida, kien hemm minqux dan il-kliem:

Hic iacet Stephanus Zerapha
Rei Naturalis Cultor
Expectans Donec Veniant
Immutatio Suo

li tfisser,

Hawn jinsab Stefano Zerafa
Promutur tax-Xjenza Naturali
Jistenna Sakemm Tasal il-
Bidla Tiegħu.

B'dispjaċir kbir ingħidu li dan il-qabar il-lum ma għadux jeżisti billi l-Knisja għamlulha l-paviment tar-rħam, u l-lapida l-lum tinsab fi speċi ta' bitħa, ma' xi oħrajn.

Il-Professur Zerafa, barra milli kien Professur ta' l-Istorja Naturali, kien ukoll jokkupa dawn il-karigi:

| | | |
|---|---|---|
| Professur | tal-Mediċina | 1815 — 1831 |
| Professur | Storja Naturali | 1829 — 1859 |
| Professur | Fisjoloġija | 1833 — 1856 |
| Professur | Pataloġija | 1833 — 1856 |

**O. H. M. S.**



20 DEC 1961 MALTA

Miss R. Cauchi,
22 Magazine Str.,
Mdina.

T.T.T.

**D. of I.**